



*MHUX VERU LI L-ISKART KOLLU TA' MALTA U GĦAWDEX SE JKUN IPPROĊESSAT F'SANT' ANTNIN.*

## X'TIP TA' SKART SE JKUN IPPROĊESSAT FL-IMPJANT TA' SANT' ANTNIN?

L-impjant ta' Sant' Antnin se jitratta:
Skart Organiku - dan huwa magħmul minn materjal bħal fdalijiet tal-ikel li huwa tajjeb għall-kompost.
Skart Riċiklabbli - dan huwa materjal isseparat u nadif li ġej primarjament mill-*bring-in sites* (fejn ikun hemm l-erba' kontenituri), bħal karta, ħġieġ, plastik u metall.

## VERU LI L-ISKART KOLLU TA' MALTA U GHAWDEX SE JKUN IPPROĊESSAT F'SANT' ANTNIN?

Le, mhux veru. L-impjant ta' Sant' Antnin f'Wied il-Għajn se jkun mgħammar biex jitratta 36,000 tunnellata ta' skart riċiklabbli u 35,000 tunnellata oħra ta' skart organiku. Bħalissa l-impjant huwa ddisinjat biex jipproċessa 80,000 tunnellata skart imħallat.

## U X'SE JIĠRI MILL-BQIJA TA' L-ISKART F'MALTA?

Il-bqija ta' l-iskart domestiku se jintrema fil-faċilità Ta' Żwejra u wara fl-*engineered landfill* ta' l-Għallis meta din tkun lesta.

## X'TIP TA' XOGĦOL QED ISIR BĦALISSA F' SANT'ANTNIN U GĦALIEX GĦANDU JITTEJJEB DAN L-IMPJANT?

Matul is-sena 2004, l-attivitajiet prinċipali f'Sant'Antnin kienu jinkludu l-ipproċessar ta' 30,000 tunnellata ta' skart domestiku li minnu jkun prodott il-kompost. Ikunu pproċessati wkoll madwar 1,500 tunnellata ta' skart agrikolu w injam għall-kompost.

Attività oħra hi dik tas-separazzjoni manwali ta' materjal li jinġabar għar-riċiklaġġ. Dan ilaħħaq l-ammont ta' 3,300 tunnellata u sa llum għadu jsir fil-miftuħ. Minħabba n-nuqqas ta' l-infrastruttura adegwata, dan l-iskart jintagħżel bl-idejn biex il-materjali ta' kwalità tajba jittieħed għall-iskrapp. Bħalissa, qed isir ukoll l-ipproċessar ta' madwar 3,600 tunnellata ta' materjal ieħor, li jissarraf f'madwar 37,000 tunnellata ta' skart fis-sena.

## KIF SER JGĦIN DAN IT-TITJIB?

Dan it-titjib għandu jwassal biex:

- Jonqos l-impatt inkluż ta' l-irwejjaħ, fuq ir-residenti li kellhom isofru minn inkonvenjent kawża ta' l-impjant.
- Tkun iġġenerata enerġija f'forma ta' *biogas* daqs kemm jkkonsmaw 'il fuq1000 dar fis-sena.
- Jitjieb il-kompost prodott mill-impjant.

Il-proġett ta' separazzjoni ta' l-iskart f' pajjiżna jista' jkompli jiżviluppa biss jekk tkun imtejba din il-faċilità. L-impjant se jkun totalment modernizzat u ċertament għandu jkun ta' titjib fuq dak preżenti. Dan jirrikonoxxih anke r-rapport ta' Profs. Alfred Vella, li tqabbad mill-Kunsill Lokali ta' Wied il-Għajn, biex jagħmel rapport tekniku fuq l-Istudju dwar l-impatt ambjentali (E.I.A.). Fil-fatt Dr. Vella fir-rapport jgħid li "sakemm l-*abatement plant* ikun mantnut tajjeb, l-irwejjaħ li joħorġu minnu jibqgħu f'livell baxx". Ara kopja tar-rapport sħiħ fuq www.mepa.org.mt





*MHUX SE JKUN HEMM ŻIEDA DRASTIKA FIT-TRAFFIKU.*

## X'INVESTIMENT JINĦTIEĠ BIEX JITTEJJEB DAN L-IMPJANT?

Biex dan l-impjant ikun immodernizzat hu stmat li tinħtieġ spiża ta' €16.7 miljun (Lm 7.2 miljun), u l-fondi ta' l-Unjoni Ewropea se jkopru 70% minn din is-somma. L-installazzjoni l-ġdida se twassal għall-produzzjoni ta' enerġija elettrika għal 'il fuq 1000 dar, kif ukoll tiġġenera kompost ta' kwalità għolja għall-użu agrikolu. Dan iseħħ bl-introduzzjoni ta' *Digestion Plant* li se tipproċessa 35,000 tunnellata ta' skart organiku.

It-titjib fl-impjant jinkludi l-installazzjoni ta' *Materials Recovery Facility* (MRF) li tista' tagħżel 36,000 tunnellata ta' materjal riċiklabbli (plastik, karta, metal u ħġieġ) fis-sena. Il-proġett jaħseb ukoll għall-imħażen adegwati għall-materjal irkuprat.

## IL-KUNSILL LOKALI TA' WIED IL-GĦAJN JISTA' JKUN INVOLUT FL-IMMANIĠĠJAR TA' DAN L-IMPJANT?

Il-Gvern diġa` offra lill-Kunsill Lokali li jkun hemm rappreżentant tiegħu fil-kumitat li jissorvelja l-operat tal-impjant.

## X'JGĦID L-*ENVIRONMENTAL IMPACT ASSESSMENT* (STUDJU DWAR L-IMPATT AMBJENTALI) DWAR:

### TNAQQIS TA' L-INKONVENJENT

L-inkonvenjent tnaqqas drastikament meta fl-1998 kienet introdotta s-sistema preżenti, ibbażata fuq sistema kważi kollha f' boroż kbar. Waħda mill-ewwel kunsiderazzjonijiet fit-titjib ta' l-impjant ta' Sant' Antnin kienet dik ta' kif se tkompli tkun kkontrollata r-riħa. Qed ikun propost li kemm il-proċess kif ukoll il-ħażna se jsiru fil-magħluq u għalhekk jillimitaw l-irwejjaħ.

It-titjib skond il-proposta jinkludi primarjament li l-proċess isir fil-magħluq u għalhekk il-problemi relatati ma' irwejjaħ, insetti u ġrieden se jonqsu wkoll. Dan kien ikkunsidrat fid-dettall mill-E.I.A.

### TRAFFIKU

Meta Profs Vella ikkummenta fir-rapport tiegħu fuq l-impatt tat-traffiku kieku kellhom jidħlu 200,000 tunnellata ta' skart, huwa qal "l-impjant huwa mistenni li jattira lejh 195 vettura żejda kuljum: dan jikkompara ma' bejn 5000 u 9000 vettura li jgħaddu minn hemmhekk diga. Għalhekk, l-impatt fuq it-tniġġiż ta' l-arja mit-traffiku addizjonali mhux mistenni li jkun sinifikanti". Għaldaqstant huwa ċar li b' 71,000 tunnellata it-traffiku se jkun ferm inqas.





**IL-PAJJIŻ GĦANDU JKOLLU SISTEMA AKTAR SOSTENIBBLI GĦALL-IMMANIĠĠJAR TA' L-ISKART.**

## TOROQ

Il-Gvern qed jikkonsidra li ssir il-manutenzjoni li hemm bżonn fis-sistema tat-toroq.

## ROTTA TAT-TRAKKIJIET

L-Għan ta' l-E.I.A. hu li jiġu studjati il-possibilitajiet kollha tar-rotot għat-trakkijiet biex b'hekk tintagħżel dik ir-rotta li jkollha l-inqas impatt. Għalkemm ir-rotta preferuta hija s-26, l-E.I.A. għadu għaddej u soluzzjonijet oħrajn qed jiġu kkunsidrati.

Ir-Rotta 26 tgħaddi minn dawn iż-żoni: Raħal il-Ġdid (it-triq viċin iċ-ċimiterju ta' l-Addolorata), Tarxien (l-ewwel parti tat-triq tal-Barrani), iddur għaż-żona Industrijali ta' Bulebel, li twassal għall-Mina ta' Hompesch, il-*bypass* ta' Wied il-Għajn u triq Wied iz-Ziju li twassal għall-entratura ta' l-impjant.

## IR-RAZZETT TAL-ĦBIBERIJA

Din il-proposta ta' titjib m'għandha tikkawża l-ebda inkonvenjent għal dan ir-Razzett. Id-dettalji msemmija dwar il-kunsiderazzjonijiet kollha li ttieħdu f'dan il-proġett juru li mhux se jkun hemm intensifikazzjoni ta' l-inkonvenjent. Anzi, it-titjib jaħseb ukoll sabiex titjieb is-sitwazzjoni preżenti.

## RISKJI

Il-proposta għall-immoderniżżar għandha żewġ għanijiet: li Malta jkollha sistema aktar sostenibbli għall-immaniġġjar ta' l-iskart, u fl-istess ħin li titjieb is-sitwazzjoni preżenti għall-benefiċċju ta' kulħadd. Dan jinkludi wkoll titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol flimkien ma' ambjent aħjar għas-saħħa u sigurtà tal-ħaddiema fl-impjant ta' Sant' Antnin. Hemm riskji li l-E.I.A. jidentifika iżda dawn se jiġu minimiżżati b'miżuri ta' prevenzjoni.

## IN-NEGOZJU TAR-RISTORANTI U L-ISTABBILIMENTI KUMMERĊJALI

L-iżvilupp propost hu mistenni jwassal għal titjib fuq l-aspetti ambjentali, soċjali u ekonomiċi preżenti ta' l-impjant. Il-proposta issa tinkludi struttura magħluqa li tnaqqas l-inkonvenjent li hemm bħalissa fiż-żona ta' madwar Sant' Antnin. B'hekk dawn il-proposti ta' titjib m'għandhom jikkawżaw l-ebda inkonvenjent jew żvantaġġi lill-komunitá kummerċjali ta' l-inħawi.

Stampat fuq karta riċiklata

**GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI ĊEMPEL FREEPHONE: 800 7 2200**



# IT-TITJIB
# TA' L-IMPJANT GĦAR-RIĊIKLAĠĠ TA' SANT' ANTNIN F' WIED IL-GĦAJN

WasteServ Malta Ltd
www.wasteservmalta.com

Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent
www.mrae.gov.mt